MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2014

Appell Kriminali Numru. 451/2013

Appell Nru: 451/2013

Il-Pulizija

Spettur Sandro Millo

Vs

Holbe Aleaddin

Illum, 5 ta' Gunju, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellanti, Aleaddin Holbie, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 35069A quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Fit-8 ta' Ottubru, 2010, ghall-habta tat-8.30 ta' filghaxija, fl-Imsida:

1) Kiser volontarjament il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku;
2) Ingurja jew hedded lil Simon Galea, jew hekk kien ipprovokat, ingurjah b'mod li hareg il-barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
3) Hebb kontra l-persuna ta' Simon Galea, sabiex jingurjah, idejqu jew jghamillu hsara.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mghotija fil-11 ta' Ottubru, 2013, fejn il-Qorti, wara illi rat l-artikoli 338(d), 339(1)(d) u (e) tal-Kodici Kriminali, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u kkundannatu ammenda komplessiva ta' mija u hamsin ewro (€150).

Rat ir-rikors tal-appellanti, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-23 ta' Ottubru, 2013, fejn talab lil din il-Qorti, thassar, tirrevoka u tikancella s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni jew htija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment tasal biex issib htija fl-appellant fuq il-provi migbura. Kif jirrizulta mill-atti x-xhieda tal-prosekuzzjoni huma PC1583 u Amar Galea. Huwa biss PC1583 li xehed dwar il-fatti indikati fl-akkuza.

Illi apparti minn hekk ix-xhud ewlieni f'dawn il-proceduri u cioe PC1583 li xehed bil-procedura tal-affidavit, xehed hekk:

> "F'hin minnhom dahal wiehed l-ghassa li kien certu Aleaddin Halbie (ID:35089A) u kif dahal gewwa l-ghassa <u>Simon Galea resaq lejn Aleaddin Halbie</u> fejn dawn bdew jghajjtu ma xulxin" (enfasi mizjud).

Illi ghalhekk minn dan ix-xhud, li huwa certament xhud indipendenti, jirrizulta illi kien Simon Galea illi resaq lejn l-appellant. Kwindi kellu jirrizulta illi kien Simon Galea li hebb ghall-appellant u mhux vice versa. Ghalhekk jirrizulta ampjament li l-ewwel Qorti skartat totalment ix-xhieda ta' dan il-pulizja u ghalhekk ma jistghax jinghad illi l-akkuza giet ippruvata sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fit-tmienja (8) ta' Ottubru tal-elfejn u ghaxra (2010) ghal habta tat-tmienja ta' filghaxija (8.00 p.m.) Naima Galea hadet lit-tifel taghha l-bandli tal-Imsida. F'hin minnhom gie Holbie Aleaddin, l-appellant, u ragel iehor u pogga hdejhom fuq bank. Ghalhekk Naima Galea qabdet lit-tfal u marret fuq bank iehor. Izda l-appellant gie fuqha

b'rabja u qabad lit-tifel minn ghonqu u ta daqqa ta' harta lit-tifla ta' tlett snin. Naima Galea bdiet tibki u marret l-ghassa taghmel rapport u cemplet lir-ragel taghha Simon li gie l-ghassa biex jara x'inqala'. Izda hawnhekk inqala' incident bejn Simon u l-appellant peress illi gie allegat illi l-appellant mar biex jagredixxi lil Naima Galea. Din tal-ahhar tghid illi l-appellant kien aggressiv ferm fil-konfront taghha bi provokazzjonijiet, ingurji, theddid u kliem hazin. Il-pulizija tal-ghassa ma setghux jikkontrollaw lill-appellant u kellhom jigu pulizija ohra sabiex fl-ahharnett jikkontrollawh.

Simon Galea xehed illi dakinhar kienet cemplet il-mara tieghu u qaltlu biex jigi d-dar malajr u meta mar hemmhekk sab lil martu u lit-tifel eccitati hafna. Il-mara qaltlu li kienu l-bandli u gie Holbie Aleaddin u haddiehor u bdew jghajjruha u anke qabad lit-tifel taghhom minn ghonqu. Ghalhekk Simon Galea issuggerixxa li jmorru l-ghassa u jaghmlu rapport kif fil-fatt ghamlu u hemmhekk sabu lill-appellant illi hebb ghal Simon Galea fost hafna ghajjat, kliem hazin u theddid. Jidher illi s-sitwazzjoni gol-ghassa kienet imhawwda mhux hazin peress illi l-appellant qieghed jargumenta illi hemm konflitt bejn dak illi qal Simon Galea u l-pulizija peress illi kien Simon Galea illi hebb ghall-appellant u mhux vice versa. L-argument tal-appellant huwa msejjes fuq dak illi qal PC 1583 illi fost affarijiet ohra qal illi meta l-appellant dahal l-ghassa Simon Galea resaq lejh fejn dawn bdew jaghtu ma' xulxin. Argumenta illi l-ewwel Qorti skartat totalment ix-xhieda ta' dan il-pulizija u ghalhekk ma jistax jinghad illi l-akkuzi gew pruvati fil-konfront tal-appellant.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti ma tahsibx illi dan l-argument jreggi sforz ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz. Jidher illi dan l-incident beda minn okkazjoni innocenti immens meta Naima Galea hadet lil binha u tifla ohra ta' tlett snin il-bandli tal-Imsida ghal xi siegha ta' rilassament mat-tfal. Hemmhekk l-appellant avvicinaha flimkien ma' persuna ohra u nqala' incident bejniethom li fih l-appellant refa' idejh fuq tifla ta' tlett snin. Kien ghalhekk illi bdiet is-sensila ta' incidenti u argumenti bejn l-appellant, Naima Galea u zewgha Simon illi spiccat l-ghassa tal-pulizija. Din il-Qorti ma tistax tiehu d-dikjarazzjoni ta' PC 1583 li Simon Galea resaq lejn l-appellant bhala sinjal illi kien Simon Galea illi agredixxa lill-appellant hu mhux vice versa. Kulma qal PC 1583 illi Simon Galea u l-appellant bdew jaghtu ma' xulxin. Zgur illi dan kien konsegwenza diretta ta' dak illi ghamel l-appellant

qabel fil-bandli tal-Imsida meta kien hu illi instiga incident ma' mart Simon Galea, Naima Galea.

Ghalhekk din il-Qorti ssib illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi tiddisturba din id-diskrezzjoni.

Ghal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------